MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 151/2014

A B

vs

C D f'isimha proprio u bhala kuratrici ad litem tal-minuri R B u d-Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-esponenti izzewweg lill-konvenuta C D nhar it-23 ta’ April 1993 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg mmarkat Dok A ;
2. Illi matul iz-zwieg twieled tifel li gie registrat fl-Att tat-Twelid mill-esponent bl-isem ta’ R B li illum ghandu ghaxar snin (10), u dan peress li l-esponent kien minghalih illi l-minuri huwa ibnu, u ghaldaqstant gie registrat minnu bhala tali (Kopja originali ta’ l-imsemmi Att tat-Twelid, qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok B) ;
3. Illi l-partijiet isseparaw nhar it-22 ta’ Frar 2012 skont kif jirrizulta mill-Kuntratt ta’ Separazzjoni Personali taghhom (illi kopja tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala Dok C) ;
4. Illi l-esponenti sar jaf li l-minuri R B mhuwiex il-wild naturali tieghu, u dan jinsab konfermat ukoll b’rapport tar-rizultati ta’ testijiet xjentifici li sejrin jigu esebiti fil-mori ta’ dawn il-proceduri ;
5. Illi l-esponent ghalhekk ghandu interess li, fit-termini tal-Artikolu 99 tal-Kodici Civili, il-minuri R B jigi dikjarat li mhuwiex il-wild naturali tal-esponent u li konsegwentement isiru l-korrezzjonijiet opportuni fl-att tat-twelid tieghu mill-intimat l-iehor Direttur tar-Registru Pubbliku ;

Talab ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista tirrizulta mehtiega li l-konvenuti jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponent mhuwiex il-missier naturali tal-minuri;
2. Konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex l-Att tat-Twelid Numru 3662 jigi korrett fis-sens illi missier il-minuri R B li twieled mill-intimata C B nhar it-12 ta’ Ottubru 2003 ma jibqax isejjah lill-esponent u dan billi, fost ohrajn, jigu kancellati s-segwenti kelmiet : mill-kolonna rigwandanti ‘Taghrif dwar Missier it-Tarbija’, isem u kunjom l-attur, id-dokument tal-identita’, l-eta’ u l-konnotati dwar fejn l-istess attur twieled u joqghod, u dwar missier l-attur, b’mod illi l-minuri R maghruf bil-kunjom B, jigi ddikjarat bin missier mhux maghruf, jew bin terza persuna illi tista’ talvolta tirrizulta; u fil-kolonna rigwardanti il-persuna illi taghmel id-dikjarazzjoni, jigu mhassra l-kliem ‘the

father', billi jigi ordnat lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi jaghmel dawn il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet, u kull korrezzjoni u annotazzjoni relattiva;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi jigu minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha jecepixxi;

1. Illi l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk dwar il-mertu huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba għandhom ikunu l-aħjar u kif ukoll sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi. Għalhekk f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi;

2. Illi bla preġudizzju għal premess, għal kull preċiżazzjoni tajjeb li jiġi rilevat li f'każ li tintlaqa' t-talba li R B mhuwiex il-wild naturali tar-rikorrenti, l-uniċi korrezzjonijiet li jistgħu jiġu effetwati fiċ-ċertifikat tat-twelid 434 tas-sena 2003 huma li jiġu kkanċellati l-partikolaritajiet kollha tar-rikorrenti bħala missier il-minuri R B u minflok jiġi mniżżel li R B huwa wild ta' persuna mhux magħrufa. Naturalment tajjeb imbagħad li jiġi ssottolinejat li tali korrezzjonijiet bl-ebda mod ma jippreġudikaw lill-missier naturali milli jieħu dawk il-passi ta' rikonoxximent imsemmija fil-liġi jonkella li l-minuri jressaq proċeduri ta' riċerka ta' paternità;

3. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, f'każ li jiġu superati l- eċċezzjonijiet fuq imsemmija, l-esponenti xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri R B, li l-konvenuta tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-allegat missier naturali ħalli b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili**. Di fatti huwa opportun li jekk il-

minuri ħa jitlef l-istat ta’ iben imwieled u mnissel fiż-żwieġ talanqas għandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tiegħu;

4. Illi subordinatament f’każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li jiġu mineħħija l-kelmiet ‘*the said*’ li jinsabu qabel isem A B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid numru 3662/2003;

5. Illi bla preġudizzju ghas-suespost, f’każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b’mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri R B a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;**

6. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir ta’ l-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D li permezz taghha teccepixxi :

1. Illi l-fatti kif dikjarati mill-attur huma korretti u l-esponenti ma topponix ghat-talbiet minnu mressqa;
2. Illi hija tirrileva illi il-missier naturali tal-minuri huwa M S;
3. Illi fic-cirkustanzi u fl-ahjar interess tal-minuri, l-esponenti titlob illi l-minuri jibqa jzomm kunjom tal-attur u cioe’ ‘B’ u dan ai termini tal-artikolu 92(6) tal-Kap. 16;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta C D;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' ta' R B *stante* li l-attur jikkontendi li minkejja li c-certifikat tat-twelid tal-minuri jindikah bhala l-missier naturali tieghu, l-istess minuri m'huwiex ibnu naturali. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u minflok ikun hemm imnizzel li l-missier mhux maghruf.

Min-naha tieghu id-Direttur intimat ma jeccepixxi ebda eccezzjoni ta' natura preliminari jew legali ghalkemm jikkontendi li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li jigi stabbilit min hu missier il-minuri sabiex dan jigi kjamat in kawza u jsiru t-tibdiliet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri.

L-intimata taqbel mat-talbiet attrici u tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri huwa M S. Tikkontendi wkoll li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li kunjomu jibqa' dak 'B'. L-attur jaqbel ma' dan ukoll.

**Il-Verzjoni tar-rikorrent**

Permezz tal-affidavit tieghu[1] r-rikorrent jghid li zzewweg lill-intimat C D fis-sena 1993 b'dan li ghaxar snin wara twieled il-minuri R. Isemmi wkoll li z-zwieg taghhom ma rnexxiex u kien ghalhekk li sseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt datat it-22 ta' Frar 2012. Jghid li kienet l-intimata stess li ammettiet mieghu li R ma kienx ibnu, meta kien rabbieh u habbu bhala l-aktar haga prezzjuza li kellu. Kien ghalhekk li saru t-testijiet genetici necessarji u fil-fatt irrizulta li l-minuri m'huwiex ibnu naturali. Jaghlaq billi jghid li ghalkemm ser jibqa' jhobb lil tali minuri ghaliex rabbih, jibqa' l-fatt li m'huwiex ibnu naturali u ghalhekk ma jhossx li huwa gust li jibqa' jidher bhala ibnu fuq id-dokumenti ufficjali, inkluż ic-certifikat tat-twelid tieghu.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Ir-rikorrent jiddikjara li minkejja li l-minuri R B twieled nhar it-12 ta' Ottubru 2003[2] u cioe' fiz-zwieg (stante li l-partijiet A B u l-intimata C D izzewgu fit-23 ta' April 1993[3] b'dan li sseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku datat it-22 ta' Frar 2012[4]) u gie registrat huwa ibnu, minn rizultati ta' DNA rrizulta li l-istess minuri m'huwiex il-wild naturali tieghu[5].

---

[1] Esebit a fol 25 tal-process
[2] Ara a fol 8 tal-process
[3] Ara a fol 6 tal-process
[4] Esebit a fol 9 tal-process
[5] Ara a fol 28 tal-process

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku[6] ir-rikorrenti rnexxilu jipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri R verament mhuwiex il-wild naturali tieghu. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li anke l-partijiet stess jaqblu li l-istess minuri m'huwiex iben ir-rikorrent. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din il-Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tar-rikorrent. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-fatt li l-intimata tindika lil certu M S bhala l-missier naturali tal-minuri izda tali terz ma giex kjamat fil-kawza u konsegwentement, il-Qorti hija prekluza milli, filwaqt li tiddikjara li l-istess minuri m'huwiex il-wild naturali tal-attur, tiddikjara wkoll li huwa l-wild naturali ta' terza persuna. Kien ikun ferm aktar ghaqli li kieku l-intimata intavolat rikors ghall-kjamat in kawza ta' M S biex il-kwistjoni tal-paternita' tal-minuri tigi risolta darba ghal dejjem izda dan mhux il-kaz. Tant hu hekk li l-istess intimata tikkontendi li l-minuri ghandu jibqa' maghruf bil-kunjom 'B'. Tali dikjarazzjoni titfa' dawl fuq il-fatt li jidher li m'hemmx interess li tali terz jigi kjamat in kawza biex jirrikonoxxi lil ibnu naturali.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent A B mhux il-missier naturali tal-minuri;
(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' R B b'dan illi l-konnotati tar-rikorrent A B jigu mhassra minn fuq l-istess certifikat u jigu sostitwiti bil-kliem 'missier mhux maghruf' b'dan li kunjom il-minuri ghandu jibqa' 'B'. Il-Qorti qeghda tordna wkoll illi jitnehhew il-kliem "the said" li jinsabu qabel isem A B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid numru 3662/2003;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata

[6] Esebit a fol 5 u 6 tal-process

# < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------